MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**FRANCO DEPASQUALE**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 319/1997/1

**Peter Paul Galea**

**Vs**

**Anthony Galea; u b'digriet tas-17 ta' Marzu 1999, gie kjamat fil-kawza Ian Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tat-13 ta' Frar 1997 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kienu nvoluti f'incident awtomobilistiku fis-17 ta' Novembru 1996 fil-11:00 p.m. f'Mdina Road, Attard meta l-attur kien qed isuq vettura tal-marka Mazda bin-numru ta' registrazzjoni V-3753 u l-konvenut vetta tal-marka Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni TGM 018, liema incident sehh tort unikament tal-konvenut minhabba

negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi l-attur sofra danni a kawza ta' dan l-incident konsistenti fi hsarat fil-vettura tieghu;

Illi l-konvenut, debitament interpellat biex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni, baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti: sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku li sehh bejn il-kontendenti fis-17 ta' Novembru 1996 fil-11:00 p.m. f' Mdina Road, Attard meta l-attur kien qed isuq vettura tal-marka Mazda bin-numru ta' registrazzjoni V-3753 u l-konvenut vettura tal-marka Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni TGM 018 sehh tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur a kawza ta' dan l-incident;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez u l-imghax;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tat-23 ta' Dicembru 1997 tal-konvenut Anthony Galea, fejn eccepixxa:

1. Illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tieghu kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Marzu 1999 li permezz tieghu wara rikors ta’ l-attur tas-26 ta’ Jannar 1999 gie kjamat fil-kawza Ian Galea;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-25 ta’ Frar 2000 tal-kjamat fil-kawza Ian Galea fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti bit-terminu ta’ sentejn skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu billi l-incident in kwistjoni ma sarx b’tort tieghu kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess Ian Galea u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ezaminat in-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tal-konvenut Anthony Galea, dan eccepixxa illi l-incident mertu ta’ din il-kawza ma garax tort tieghu. Jirrizulta fil-fatt illi ghalkemm huwa s-sid tal-Land Rover TGM 018 ma kienx hu dak li kien qed isuqha dak in-nhar ta’ l-incident, izda kien n-neputi tieghu Ian Galea. Dan

huwa ikkonfermat kemm mix-xhieda tieghu kif ukoll mix-xhieda tas-Surgent 226 Paul Bonanno u ta' Ian Galea stess;

Illi ghalhekk l-eccezzjoni tieghu ghandha tigi milqugha;

Illi fir-rigward tal-kjamat fil-kawza Ian Galea, dan eccepixxa preliminarjament il-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili peress li l-incident sar fis-17 ta' Novembru 1996 u huwa gie notifikat bic-citazzjoni fil-15 ta' Frar 2000;

Illi fis-sottomissjonijet tieghu l-attur argumenta li fil-konfront tal-kjamat fil-kawza, l-azzjoni ma setghetx tigi ezercitata qabel, peress li r-rapport tal-Pulizija tant huwa illegibbli u indecifrabbli li l-attur haseb li kien il-konvenut Anthony Galea li kien qed isuq il-vettura. Qal li kien fil-mument meta xehed is-surgent li rrizulta li s-sewwieq kien persuna ohra u ghalhekk, skond l-istess attur, kien f'dak il-mument li beda jiddekorri l-perjodu preskrittiv;

Illi l-Qorti ezaminat ir-rapport tal-Pulizija li kopja tieghu tinsab a fol. 5 tal-process. Fin-numru 4 ta' l-istess rapport, fejn is-surgent kellu jimla' *"Names and Addresses of Owners"* hemm imnizzel:

*A) Ian Galea of Fairfield, Triq il-Harrub, Attard*
*B) Peter Paul Galea of Paci u Sliem, Triq Farrugia, Rabat;*

Fin-numru 5, imbaghad, fejn is-surgent kellu jimla' "*Names and Addresses of Drivers Involved*" hemm imnizzel il-kelma "*ditto*";

Illi l-Qorti ma tistax tifhem kif l-attur qed jinsisti li r-rapport kien indecifrabbli meta l-isem "Ian Galea" fuq l-istess rapport jista' jinqara minghajr tbatija ta' xejn. In nuqqas ta' korretezza fir-rapport kien fis-sens li Ian Galea gie indikat mhux biss bhala is-sewwieq izda wkoll bhala s-sid tal-vettura, izda dan il-fatt ma jaffettwax il-posizzjoni ta' l-attur;

Illi allura l-Qorti ma taqbilx li kien proprju fil-mument meta xehed is-surgent li l-attur sar jaf min kien is-sewwieq tal-Land Rover. L-isem tas-sewwieq johrog car mir-rapport, u jekk l-attur kellu xi dubju dwar min kien is-sewwieq, kellu kull opportunita` li jivverifika min kien qabel ma istitwixxa l-kawza;

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-eccezzjoni dwar il-meritu tal-konvenut u dik tal-preskrizzjoni tal-kjamat fil-kawza ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici kemm fil-konfronti tal-konvenut kif ukoll fil-konfronti tal-kjamat fil-kawza.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------